MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 246/2012

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fl-ghaxra (10) ta' Jannar, tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin(1988) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel li llum maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Joseph Debono mit-tlettax (13) ta' Marzu, 2001 (Ara Dok B anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom tnax–il sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi m'hemm l-ebda manteniment pendenti jew dovut f'dan l-istadju stante illi l-wild huwa maggorenni u l-partijiet iddekadew mid-dritt taghhom illi jircievu manteniment skond il-kuntratt ta' separazzjoni (Ara Dok B anness, klawsola 2) ;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija qieghdin jigu kkonfermati mill-attrici bil-gurament taghha permezz ta' affidavit mahluf quddiem in-Nutar Dottor Francesca Borg (Ara Dok C, anness);

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Mejju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat illi l-intimat ma ipprezentax risposta izda xehed bil-gurament tieghu;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul;

u peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Marzu 2011;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi l-ulied tal-partijiet illum huma maggorenni u illi l-partijiet iddekadew mid-dritt taghhom illi jircievu manteniment skond il-kuntratt ta' separazzjoni;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------